31997L0015

L 95/16 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 10.4.1997

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 97/15/EC

tal-25 ta' Marzu 1997

li tadotta l-istandards Eurocontrol u li temenda id-Direttiva tal-Kunsill 93/65 KEE dwar id-definizzjoni u l-użu ta' speċifikazzjonijiet tekniċi kompatibbli għall-prokura ta' tagħmir u sistemi għall-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/65/KEE tad-19 ta' Lulju 1993 dwar id-definizzjoni u l-użu ta' speċifikazzjonijiet tekniċi kompatibbli għall-prokura ta' tagħmir u sistemi għall-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 5(2) tagħha

Billi skond l-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/65/KEE il-Kummissjoni għandha tidentifika u taddotta standards ta' l-Eurocontrol;

Billi l-Anness I mad-Direttiva 93/65/KEE fih lista indikattiva ta' standards ta' l-Eurocontrol; billi dik il-lista għandha tkun shiha kemm jista' jkun;

Billi l-Anness II mad-Direttiva 93/65/KEE jiddefinixxi l-entitajiet li jagħtu responsabbli għax-xiri ta' tagħmir għan-navigazzjoni fl-ajru; billi din il-lista teħtieġ li tinżamm aġġornata;

Billi, minħabba li l-Eurocontrol adotta żewġ standards, huwa xieraq li dawn l-istandards isiru mandatarji; billi huwa wkoll xieraq li l-lista indikattiva fl-Anness I tiġi emendata bħala riżultat ta' l-introduzzjoni mill-Eurocontrol tal-programm Eatchip;

Billi huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Anness II biex ikunu kkunsidrati l-bidliet notifikati mill-Istati Membri u biex ukoll jiġu inklużi l-entitajiet li jagħtu ta' Stati Membri ġodda;

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Direttiva jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond id-Direttiva 93/65/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-elementi mandatorji ta' l-ispeċifikazzjonijiet Eurocontrol inklużi fid-dokumenti li ġejjin ta' l-istandards Eurocontrol huma adottati sal-limitu li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' sistema integrata ta' l-immaniġġar tat-traffiku ta' l-ajru Ewropew:

– l-istandard Eurocontrol tal-bdil ta' tagħrif on-line (OLDI), l-ewwel edizzjoni, (referenza ta' dokument Eurocontrol 001-92),

– l-istandard Eurocontrol għall-preżentazzjoni tal-bdil ta' tagħrif ta' servizzi tat-traffiku ta' l-ajru (ADEXP) (referenza ta' dokument Eurocontrol 002-93),

L-Artikolu 2

L-Anness I mad-Direttiva 93/65/KEE huwa mibdul bl-Anness li jinsab ma' din id-Direttiva.

L-Artikolu 3

L-Anness II tad-Direttiva huwa mibdul b'dan li ġej:

1. L-entitajiet li jagħtu ta' l-Eurocontrol, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Portugall u r-Renju Unit, huma modifikati kif ġej:

EUROCONTROL

Rue de la Fusée, 96
B-1130 Bruxelles

Il-Belġju

Régie des Voies Aériennes (RVA/RLW)

Centru ta' Komunikazzjoni Nord (CCN)
rue du Progrès 80 Bte 2
B-1030 Bruxelles

Id-Danimarka

Statens Luftfahrsvaesen

(Amministrazzjoni ta' l-Avjazzjoni Civili)
Postbox 744
DK-Copenhagen SV

Billund Lufthavn
PO Box 10
DK-7190 Billund

Københavns Lufthavne A/S
PO Box 74
Flyvervej 11
DK-2770 Kastrup

([1]) ĠU L 187, tad-29.7.1993, p. 52.

Franza

Ministre chargé de l'aviation civile
Direction générale de l'aviation civile
48, rue Camille Desmoulins
F-92452 Issy-les-Moulineaux Cedex

u, fejn kompetenti:

Aéroport de Paris
291, Boulevard Raspail
F-75675 Paris Cedex 14

Il-Greċja

Ministeru tat-Trasport u Telekomunikazzjonijiet
Awtorità ta' l-Avjazzjoni ċivili
Direttorat Ġenerali tan-Navigazzjoni ta' l-Ajru
li tiddelega b'mod partikolari lil:
Electronics Division
Vasileos Georgiou 1
PO Box 73751-16604 Elliniko
GR-Ateni

L-Irlanda

The Irish Aviation Authority
Aviation House
Hawkins Street
IRL-Dublin 2

Aer Rianta Cpt.
Dublin Airport
IRL-County Dublin

L-Italja

ENAV
Ente Nazionale di Assistenza al Volo
Via Salaria, 715
I-00138 Roma

Il-Portugall

ANA-E.P. (Empresa Pública de Aeroportos e Navegação Aérea).
Rua D, Edifício 120
Aeroporto de Lisboa
P-1700 Lisboa

Ir-Renju Unit

National Air Traffic Services Ltd
CAA House
45-59 Kingsway
UK-London WC2B 6TE

2. L-entitajiet li jagħtu li ġejjin huma miżjuda mal-lista:

L-Awstrija

Austro Control GmbH
Schnirchgasse 11
A-1030 Wien

Il-Finlandja

Ilmailulaitos/Luftfartsverket
(CAA Finland)
PO Box 50
FIN-01531 Vantaa

L-Iżvezja

Swedish Civil Aviation Administration
Luftfartsverket
Vikboplan 11
S-601 79 Norrköping

L-Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa għalihom biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Diċembru 1997 sa l-aktar tard. Għandhom javżaw minnufih b'dan lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jakkumpanjawhom b'dawk ir-referenzi fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom iniżżlu l-mod li bih dawk ir-referenzi għandhom isiru.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw mal-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-kamp kopert b'din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istati Membri l-oħra b' dan.

L-Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum li jiġi wara dak li fih jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Marzu 1997.

Għall-Kummissjoni
Neil KINNOCK
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

"ANNESS I

DOMINJI GĦALL-ISTANDARDS EUROCONTROL LI GĦALIHOM JIRREFERI L-ARTIKOLU 3

Lista indikattiva

Komunikazzjonijiet

Navigazzjoni

Sorveljanza

Sistemi ta' pproċessar ta' tagħrif

Proċeduri għall-immaniġġar ta' l-ispazju ta' l-ajru u l-immaniġġar tat-traffiku ta' l-ajru

Regoli tax-xogħol ta' l-immaniġġar tat-traffiku ta' l-ajru u ħtiġijiet ta' tħaddim

Riżorsi umani"